Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 5 ta' Mejju 2022
(OR. fr)**

**8681/22**

**INF 64
API 33**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Grupp ta' Ħidma dwar l-Informazzjoni |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 8196/22 ; 8196/22 COR1 |
| Suġġett: | L-għoxrin rapport annwali tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni |

1. L-Artikolu 17(1) tar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess għad-dokumenti jistabbilixxi li kull istituzzjoni għandha tippubblika rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament għas-sena preċedenti.

2. L-abbozz tar-rapport annwali għall-2021 jidentifika t-tendenzi u l-karatteristiċi ewlenin tat-talbiet għal aċċess għal dokumenti tal-Kunsill u jeżamina l-ilmenti indirizzati lill-Ombudsman Ewropew kif ukoll is-sentenzi mogħtija mill-Qrati Ewropej fil-każijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tar-Regolament mill-istituzzjonijiet. Ir-rapport għall-2021 isegwi l-format il-ġdid tal-aħħar snin, li tqassar minħabba l-fatt li d-data statistika li fuqha huwa bbażat ir-rapport issa hija aċċessibbli liberament fuq is-sit web tal-Kunsill.

3. L-abbozz tar-rapport annwali dwar l-aċċess għad-dokumenti tal-Kunsill għas-sena 2021[1] ġie ppreżentat lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Informazzjoni u maqbul minnu waqt il-laqgħa tiegħu tat-28 ta' April 2022.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu, ir-rapport annwali li t-test tiegħu jinsab fid-dokument 8196/22 (+ COR 1).

---

[1] Dokument 8196/22.